# IS-SENGĦA TAL-KITBA MALTIJA

Għadhom jiftakru l-qarrejja ta' IL-MALTI f'dak il-ħafna tagħlim tal-aqwa fejda u tal-aqwa ħtieġa fuq *Is-Sengħa tal-Kitba* li kiteb Dun Karm f'dan il-*Qari* (1) Tagħlim jiswa mitqlu deheb u għandu jkun f'moħħ kull kittieb li jrid jikteb *tajjeb*. Sewwa qal Dun Karm (2.) li l-kitba tal-Malti baqgħet l-ura għax ħafna jaqbdu jħarbxu bil-Malti bla ebda tħejjija, bla qatt ma tgħallmu jħaddmu l-kelma Maltija, jorbtuha u jinsġuha waħda mal-oħra biex ifissru sewwa kull ma jaħseb il-moħħ u kull ma tħoss il-qalb. Bla tagħlim m'hemmx kitba tajba; jekk ma jridx wieħed jistabar ftit u jitgħallem, il-kitba ma għandux x'iridha; jerħilha f'idejn ħaddieħor u ma jħallix mirja ħażina lil ta' wrajh.

Bil-fehma li ngħin lil min irid jitgħallem, sa nżid ma' li kiteb Dun Karm din id-daqxejn ta' ktiba. Ma nafx għandux f'moħħu dan l-Imgħallem tal-kitba Maltija li jitkellem fuq dan ukoll, għalhekk jaħfirli jekk sa nidħollu fil-għalqa.

Biex wieħed jikteb il-Malti tajjeb jeħtieġ l-ewwelnett li jikteb il-Malti *la-Maltija*. Dan hu l-aqwa xkiel li ftit huma li jintebħu bih u jaqbżuh bla ma jitfixklu fih. Aħna l-koll bdejna niktbu bil-Malti wara li domna bosta snin nitgħallmu naqraw u niktbu b'ilsna oħra li ma jaqblu xejn mal-Malti, jiġifieri, wara li dara moħħna jati lill-ħsieb sura barranija, ingħidu aħna taljana jew ingliża. U l-kelma xinhi ħlief il-libsa tal-ħsieb ? Għalhekk joħroġ il-ħsieb minn moħħna mlibbes libsa barranija, iżda mhix Maltija, imfisser skond ma jitolbu ilsna barranin, iżda mhux imfisser skond ma jitlob il-lsien il-Malti. Tisma', min igħidlek: Ladarba l-Malti qiegħed igħix ma' ġenb ilsna oħra barranin għandu jikber u jitqawwa bis-saħħa tagħhom u jieħu l-bixla tagħhom u jsir jixbaħhom. Mhux tassew: il-Malti jista' biss jikseb kliem minn għand ilsna oħra, iżda l-ħajja u s-saħħa li bihom igħix, jikber u jitqawwa ma jafhom minn għand ħadd. Għalhekk ħażin jaħseb min jidhirlu li jista' jew għandu jikteb il-Malti bħalkieku qiegħed jikteb bl-ingliż jew bit-taljan. U ara kemm hu

(1) Ara: IL-MALTI, 1925, 1926, 1927.

(2) IL-MALTI,1929, faċċ. 99, 100.

hekk: niftakru kemm tħabatna f'żgħoritna biex tgħallimna niktbu tajjeb bit-taljan u bl-ingliż; kien jidhrilna li qegħdin niktbu tajjeb meta konna niktbu bħalma nitkellmu l-Malti: dan juri bid-dieher li minnha n-nifsha xejn ma' taqbel il-kitba tal-Malti mal-kitba ta' dawn l-ilsna. U l-lum li kbirna u għaddejna żmien twil naqraw u niktbu bl-ingliż u bit-taljan, jidhrilna li qegħdin niktbu tajjeb il-Malti meta niktbuh bħalma niktbu u nitkellmu l-ingliż u t-taljan.

Għalhekk jeħtieġ l-ewwel nett, bħalma għidna, li qabel ma nibdew naħsbu x'sa niktbu, ninsew għal ftit żmien kull ma tgħallimna mill-ilsna l-barranin, biex il-ħsieb, wara li jkun ħâ f'moħħna sura maltija, joħroġ liebes libsa maltija, jiġifieri, imfisser skond ma jitlob il-lsien il-Malti. Jeħtieġ ukoll, biex tkun il-kitba mirquma f'kollox, li wieħed ikun jaf tajjeb mhux biss il-Grammâtka Maltija, iżda wkoll dak li f'ilsna oħra jgħidulu *sintassi* u *stil*.

Insemmi issa xi ħaġa fuq fuq fejn l-aktar ma jaqbelx il-Malti mal-ilsna li tgħallimna.

1. Meta rridu nfissru ta' min hi din jew dik il-ħaġa, inqiegħdu ż-żewġ ismijiet (*nômi*) wieħed ma' ġenb l-ieħor bla ebda żjieda ta' kliem ieħor; hekk: *dar is-sultan, bieb id-dar.* Imma xi wħud idaħħlu l-kelma *ta'* u jgħidu: *id-dar tas-sultan il-bieb tad-dar.* Tassew li l-kelma *ta'* kelma Maltija, iżda qiegħda titlef it-tifsira tagħha l-ewlenija u tieħu t-tifsira talklejma taljana *di.* X'qawwa għandu dal-qawl malti: ***Asaħħ kelmet il-Malti minn ħalfet is-sultan,*** aktar milli kieku ngħidu: ***Il-kelma tal-Malti hija aktar sħiħa mill-ħalfa tas-sultan?*** Indaħħlu l-kelma *ta'* meta ma nistgħux nagħmlu ieħor u mhux meta nistgħu ngħaddu mingħajrha.

Hekk ukoll meta nistgħu ninqdew bil-pronomi mehmużin ma għandniex ninqdew bil-pronomi mifrudin. Aħjar tikteb: ***Akbar dari minn darek,*** milli tikteb: ***Id-dar tiegħi akbar minn tiegħek,*** jew ***mid-dar tiegħek.***

2. Is-suġġett jimxi dejjem wara l-verb, u l-oġġett talverb fl-aħħar; hekk: *qabad it-tifel għasfur.* Jekk inbiddlu u nqassmu l-kliem xorta oħra, inbiddlu kemm kemm it-tifsir ukoll; għalhekk nistgħu nbiddlu u nqassmu l-kliem skond il-ħsieb li rridu nfissru u mhux kif irridu. Bejn *qabad it-tifel għasfur* u *qabad għasfur it-tifel,* hemm daqxejn ta' naqxa fil-lewn li ma jarahiex kullħadd. Joqgħod is-suġġet qabel

il-verb meta jista' jkun hemm xi taħwid, jew meta rridu nuru is-suġġett aktar mill-verb, għalhekk ma nistgħux ngħidu: *qatel raġel ljun,* iżda *raġel qatel ljun* jew *ljun qatel raġel* skond ma rridu nfissru. Hekk ukoll ingħidu: *it-tifel ġie* jiġifieri it-tifel u mhux ħaddieħor. Iżda dan xejn ma jqisuh ħafna mill-kittieba Maltin li jqiegħdu s-suġġett dejjem kabel il-verb bħalma jiktbu fl-ingliż u fit-taljan.

Joqgħod is-suġġett l-ewwel mita flok verb ikollu warajh *nôm* jew *aġġettiv,* hekk ingħidu: *is-skiet ġawhar, it-tifel marid.* Imma jekk irridu nżidu s-saħħa fuq il-*predikat,* nitfgħu is-suġġett l-aħħar, hekk: ***trab int u fit-trab tarġa' tmur.*** Hekk ukoll fit-tweġib għall-mistoqsija: *Minn fejn int* ? għandu jitwieġeb: *Minn Malta jien*; jiġifieri s-suġġett inqegħduh fl-aħħar fil-mistoqsija u fit-tweġiba.

Bosta drabi fil-Malti, aħna u nitkellmu. nqiegħdu fil-bidu *nôm* li ma għandu x'jaqsam mal-ebda verb, iżda jidħol aktar wara bħala *suffiss tal-pronôm*; hekk ingħidu: ***it-tifel ħwejjġu mxarrba; it-tifel ħaqruh sħabu; it-tifel tħabbatx rasek fuqu.*** Jidhrilhom xi wħud li jiktbu ħażin jekk jiktbu hekk, u għalhekk ibiddlu taqsim il-kliem u jgħidu: ***il-ħwejjeġ tat-tifel imxarrba, it-tifel kien maħqur minn sħabu; la tħabbatx rasek fuk it-tifel.*** Jitqarrqu; it-taqsima tal-ewwel hi Maltija weħidha u jekk ninqdew biha kif imiss inkunu nżidu ħlewwa u qawwa lill-kitba tagħna.

Mela biex niktbu l-Malti tajjeb jeħtieġ li ndarru 'l moħħna jaħseb bħalma nitkellmu mingħajr iż-żina u t-tlellix talilsna l-barranin, jeħtieġ li nifhmu tajjeb kif inhu msawwar il-lsien il-Malti biex ma nħassrulux surtu b'kitba ħażina, imma nsewwu kemm nistgħu t-taħsir b'kitba tajjba u ladarba l-Malti hu lsien semi jeħtieġ li mmexxu l-kitba Maltija fuq kitbet l-ilsna s-semin (1). B'hekk aħna nkunu nâtu l-aqwa ġieh lil lsienna u nħajru l-barranin biex aktar jinġibdu lejh u aktar igħożżuh.

**Sajdun.**

(1). Ħajjarni wieħed barrani biex naqleb bil-Malti kelma b'kelma xi bċejjeċ minn kotba Għarbin u niġborhom fi ktieb wieħed bħala mirja ta' kitba Maltija għal dawk li ma jistgħux jaqraw bil-Għarbi u b'ilsna oħra semin li magħhom għandu x'jaqsam il-Malti. Nixtieq insib iż-żmien għal dan ix-xogħol.